MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tad-9 ta' Lulju, 2009

Numru 505/2004

**Il-Pulizija**
**Spettur Jesmond Borg**

**vs**

**Ronald Debono**

Il-Qorti ;

Rat li l-imputat Ronald Debono ta' 23 sena, bin Bartolomeo u Antonia nee' Lia imwieled il-Pieta' fil-5 ta' Jannar 1981 u residenti Nru 9, Triq il-Bard, Hal-Qormi u detentur tal-karta tal-identita' numru 60681 (M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli:

Nhar it-22 ta' Lulju 2002, ghall- habta ta' 12.10 ta' wara nofsinhar, fi Triq Censu Busuttil, kantuniera ma' Triq Gizi, gewwa l-Fgura, b' sewqan traskurat, bla kont u b' sewqan perikoluz, saq vettura ta' l-ghamla Seddon, mudell Atkinson, bin-numru tar-registrazzjoni : HAS-665 u bil-konsegwenza ta' dan ikkawza griehi ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Jonathan Sant mis-Siggiewi , liema ferita ggib debulizza permanenti fis-sahha jew il-funzjoni ta' xi parti tal-gisem jew gabet difett permanenti f' parti ta' l-ghamla tal-gisem, skond kif iccertifikat minn Dr. Michael Spiteri M.D. (medical Warrant No:2366) mill-Casualty Dept. ta' l-Isptar San Luqa u dana bi ksur ta' l-artiklu 218 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, bhala xufier ta' l-imsemmija vettura ippermetta lill-istess Jonathan Sant jinzel minn, jitla' fuq jew jiddendel ma', jew igib ruhu b' kull mod iehor li seta' jikkawza periklu jew biza ghalih innifsu jew ghal haddiehor filwaqt li l-vettura bin-numru tar-registrazzjoni: HAS-665 kienet, jew kienet sejra tkun qed titmexxa u dana bi ksur ta' l-artiklu 117 ta' l-M.V.R. (Regolamenti dwar vetturi bil-mutur).

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment inkluz in-nota tal-Avukat Generali datata 26 ta' Settembru 2008 (esebita a fol. 123 tal-process) fejn huwa dehrlu li tista' tinstab htija jew htijiet taht dak li hemm mahsub;

a) fl-artikoli 218, 226, 533 tal-Kodici Kriminali ;
b) fl-artikoli 117 tar-Regolamenti dwar il-vetturi bil-mutur (M.V.R.)

Rat li waqt l-ezami li sarlu fis-seduta tal-27 ta' Frar, 2009 l-imputat ddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi.

Semghat it-trattazzjoni finali maghmula mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza.

Ikkunsidrat:

Illi dan il-kaz jirrigwarda ncident li sehh fit-22 ta’ Lulju 2002 ghall-habta tal-12.10 ta’ wara nofsinhar gewwa Triq Censu Busuttil, il-Fgura fejn Jonathan Sant guvni ta’ sittax(16) -il sena inqabad taht ir-rota tal-iscamel truck bin-numru tar-registrazzjoni HAS 665. Mill-provi rrizulta li hekk kif l-iscamel kien qed idur ghal Triq Censu Busuttil Jonathan Sant, li kien qed jahdem fuq l-imsemmi scamel, fis-sens li kien qed jigbor iz-zibel fl-imsemmija lokalita’ flimkien ma xi haddiema ohra u kien riekeb fuq l-istaffa ta’ quddiem tan-naha tal-passiggier tat-truck huwa zelaq minn fuq l-istaffa u gie ezattament taht ir-rota tat-truck. Jonathan Sant spicca sabiex sofra griehi ta’ natura gravi bhala konsegwenza tal-incident li hallew debilita’ permanenti.

Ikkunsdirat:

Illi dwar dan l-incident saret Inkjesta Magisterjali fejn gie stabbilit li s-sewwieq tal-iscamel truck Ronald Debono, u cioe’ l-imputat odjern, kien saq l-imsemmi scamel truck b’manjiera traskurata sabiex b’hekk spicca biex ikkaguna feriti ta’ natura gravi fuq il-persuna ta’ Jonathan Sant. Abbazi tal-konkluzjonijiet tal-imsemmija Inkjesta Magisterjali inbdew il-proceduri odjerni fil-konfronti tal-imputat fejn huwa jinsab akkuzat li minhabba sewqan perikoluz, traskurat u bla kont ikkaguna griehi ta’ natura gravi fuq il-persuna ta’ Jonathan Sant kif ukoll li kiser ir-Regolament 117 tar-Regolamenti Dwar Vetturi bil-Mutur.

Illi mill-provi migjuba quddiem din il-Qorti, u senjatament mix-xhieda ta’ Jonathan Sant li xehed fl-udjenza tas-7 ta’ Dicembru 2006 jirrizulta li meta sehh l-incident l-iscamel truck kien fil-fatt misjuq minn missier l-imputat Bartolomeo sive Robbie Debono, u mhux mill-istess imputat. Inoltre fl-udjenza tad-29 ta Marzu 2007 l-avukat difensur tal-imputat informa lil Qorti li l-imputat kien ammetta mieghu li minhabba ragunijiet ta’ natura familjari u finanzjarji meta xehed fl-Inkjesta Magisterjali huwa kien iddecieda li jghid li kien hu li kien qed isuq l-iscamel truck meta fil-fatt l-iscamel kien misjuq minn missieru.

Illi abbazi ta’ dak li rrizultalha mill-provi, l-Qorti m’ghandhiex triq ohra salv li tiddikjara lill-imputat Ronald Debono mhux hati tal-akkuzi migjuba fil-konfronti tieghu stante li mill-istess provi rrizulta li meta sehh l-incident fejn korra gravement Jonathan Sant l-iscamel truck ma kienx misjuq minnu izda minn missieru.

Peress li mill-atti tal-Inkjesta Magisterjali esebita a fol. 54 tal-process jirrizulta li l-imputat Jonathan Debono kien xehed bil-gurament quddiem l-espert tal-Qorti Dr. Joseph Micallef Stafrace (xhieda relattiva inserita a fol. 29 tal-process verbal) fejn huwa iddikjara bil-gurament li fil-hin tal-incident kien qed isuq l-iscamel truck bin-numru tar-registrazzjoni HAS 665 u peress li matul dawn il-proceduri irrizulta li fil-fatt it-truck kien misjuq minn missieru Bartolomeo Debono u mhux minnu, l-Qorti qed tordna li kopja ta’ din is-sentenza tigi komunikata lil Kummissarju tal-Pulizija sabiex jittiehdu proceduri fil-konfronti tal-imputat Ronald Debono stane li jirrizulta li huwa ha gurament falz.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddikjara lill-imputat mhux hati tal-akkuzi migjuba fil-konfronti tieghu u konsegwentement tilliberah mill-istess akkuzi.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM------------------------------